MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 61/1998/1

Avviz numru 61/1998

Pawlu u Anna Zammit

vs

Joseph u martu Carmela konjugi Caruana f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minorenni Simon Caruana li b'nota tat-8 ta' Mejju 2001 assuma l-atti tal-kawza f'ismu

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-atturi permezz ta' liema talbu ghaliex il-konvenut (Simon Caruana) m'ghandux ihallashom dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fit-18 ta' April 1998 fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Victoria, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAV 167 proprjeta ta' Joseph

Caruana u misjuqa minn binhom (gja) minorenni Simon Caruana u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAV 573 misjuqa minn u proprjeta tal-attur ta’ liema incident Simon Caruana kien unikament responsabbli;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-27 ta’ April 1998, l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju 1998 u l-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat li d-danni reklamati jeccedu l-mitt lira Maltin (Lm100) izda ma jaccedux l-elf lira Maltin (Lm1000);

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew:

1. illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara kollu tort u htija tal-attur Pawlu Zammit meta waqt li hu kien isuq matul Triq Papa Gwanni Pawlu II, Victoria, u kellu vizwali cara tat-triq u tal-vettura misjuqa minn Simon Caruana li kien gej isuq mid-direzzjoni opposta, huwa u cioe’ l-attur ghamel manuvra perikoluza meta habta u sabta u minghajr ma ha ebda prekawzjoni huwa kiser ghal-lemin tat-triq minn fejn dak il-hin kien ghaddej isuq Simon Caruana, billi qabez il-linji doppji bojod biex jidhol go ghalqa minn passagg li kien hemm fuq il-lemin tat-triq meta wiehed ihares lejn id-direzzjoni ta’ l-Gharb u konsegwenza ta’ din il-manuvra kien l-attur Pawlu Zammit illi holoq emergenza subitanea lil Simon Caruana billi invada l-karreggjata ta’ Simon Caruana bil-konsegwenza li kien l-attur li investa l-vettura misjuqa minn Simon Caruana fir-‘rear right hand mudguard’.

2. Ghaldaqstant t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat, semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza hi konnessa ma' kawza (avviz numru 72/98) li titratta l-istess kollizjoni li ser wkoll tigi deciza illum. Ghalhekk ir-riflessjonijiet maghmula f'dan il-gudikat ser japplikaw *mutatis mutandis* wkoll fil-kawza l-ohra.

Illi l-kollizjoni in meritu grat fit-18 ta' April 1998 bejn vettura misjuqa minn Simon Caruana (allura minorenni) u t-trukk tal-attur. Sehhet fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Victoria, Ghawdex, wkoll maghrufa bhala Triq l-Gharb. Il-kollizjoni grat fil-waqt li l-attur ghamel biex jidhol fi sqaq ghall-ghalqa tieghu fuq il-parti opposta minn fejn kien gej u waqt li l-konvenut Simon Caruana kien gej mid-direzzjoni opposta ossija fil-karreggjata li l-attur ried jaqsam biex jaccedi ghall-ghalqa tieghu. Il-hin kien kmieni wara nofs in-nhar.

Illi tajjeb li f'dan l-istadju bikri ta' dan il-gudikat din il-Qorti ticcara li l-kompitu taghha hu li tara min mill-partijiet kien responsabbli ghall-kollizjoni, mil-lenti civili u mhux dik kriminali, ghall-fini li tiddetermina min minnhom hu responsabbli ghad-danni kkawzati u ghal dan il-fini ghandha tistabilixxi x'kienet il-kawza prossima tal-incident. Qeghdha wkoll f'dan l-istadju tiskarta li l-kollizjoni hi *res ipsa loquitur* (kif sottomess mill-attur) jew wkoll il-presunta u allegata ammissjoni tal-konvenut immedjatament li sehhet il-kollizjoni stante li fil-fehma taghha kull presunta u allegata ammissjoni ma treggix fil-kaz in disamina. Tosserva, wara li rat attentament ix-xhieda u d-dokumenti esebiti, li l-ezitu tal-kawza u konsegwenti tort jistrieh fuq il-fatturi hawn taht elenkati, u cioe':

- il-hsarat subiti miz-zewg vetturi li ghar-rigward l-vettura misjuqa mill-konvenut kienu fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem, fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin konsistenti f'daqqa kbira, u hsara fuq ix-xellug li, fi kliem PS 187, grat meta l-Escort habtet mal-hajt; u hsara fil-vettura tal-attur li kienet fuq quddiem il-parti tal-lemin.

- Il-konfigurazzjoni tat-triq li kienet ghad-dritt b’liwja fid-direzzjoni tal-Gharb u li ‘l hemm minn fejn sehh l-incident b’dan pero’ illi l-vizwali taz-zewg sewwieqa kienet biss marginalment ostakolata tenut kont tas-sewqan rispettiv taghhom u l-velocita o meno tal-konvenut.

- l-‘ispot of impact’ li l-kontendenti jaqblu kienet oltre l-linja medjana tal-karregjata fejn kien gej l-attur kif indikata fl-iskizz relattiv folio 22.

Fil-waqt illi huwa ikkontestat li l-attur kellu jittraversa l-karreggjata opposta sabiex jaccedi ghall-ghalqa tieghu, huwa fix-xhieda tieghu (fol 52), stqarr li qabel ma ittenta l-manuvra li jittraversa l-karreggjata opposta ghal fejn kien gej waqaf fuq il-linja medjana, halla l-karozzi ta’ warajh jghaddu, u meta ra li mhu gej xejn, la minn wara u la minn quddiem, beda jaqsam. Fi kliemu kompla jghid li “appena qsamt tliet kwarti mit-triq sibt karozza mieghi li kienet gejja qisu rih. Naqla’ daqqa fuq quddiem tal-karozza tieghi…. Il-karozza l-ohra giet u habtet mieghi bil-quddiem taghha. Haditni fuq quddiem in-naha tal-lemin” izda jghid li laqtitu bi sbrixx. Jghid li l-vettura l-ohra mal-impatt habtet u telghet hajt ta’ hames piedi u spiccat, wara li tkaxkret xi metri, fl-ghalqa tieghu fuq genba u wara tpoggiet fuq l-erba’ roti taghha. Ikkonferma li l-punt tal-impatt hu kif muri fl-iskizz u li kellu vizwali ta’ darbtejn l-awla (il-kbira). Da parti tieghu l-konvenut, li ha l-pedana tax-xhieda darbtejn, qal li kien qed isuq b’sebghin kilometru fis-siegha (70k.f.s.). Sostna (fol 35) li gie milqut fuq wara tal-lemin fil-mudguard, dar u habat mal-hajt tas-sejjieh fuq ix-xellug tieghu fejn il-karozza nqalbet u giet fuq genba. Hu u jiddiskrivi l-incident qal li: hin minnhom ra l-karozza DAV 573 iddur lejn il-lemin biex tidhol f’rampa; li l-konvenut rah kwazi mal-habta u tfaccalu wara l-liwja; li seta’ josserva li l-attur kien qed ihares lura fid-direzzjoni opposta ghalih; li meta ra lil Zammit gibed il-karozza lejn ix-xellug, pero’ xorta laqtu; li ma lahaqx izomm brake u l-unika mizura evaziva kienet li resaq lejn ix-xellug; li ma basarx ili l-attur kien ser jibqa’ hiereg. Meta xehed a fol 60 qal li lil attur rah boghod minn tul l-Awla (il-kbira) u l-attur kien fuq il-karregjata tieghu, wieqaf u angolat; li hu rah f’din il-

posizzjoni u meta wasal fejnu kien l-attur li saq ghal fuqu; li kien konxju li l-attur kellu ghalqa fuq in-naha tal-karregjata opposta ghall-fejn kien gej l-attur u hu kellu jaqsam it-triq; li kien hemm “slow sign” qabel ma’ wasal fejn l-attur u kien fil-fatt naqqas il-velocita tieghu. Li l-vizwali kienet tajba hafna u fit-tul jaffermah PS187 (fol 20) li kkonferma l-punt ta’ l-impatt mill-frak li sab li kien f’nofs il-karregjata tranzitata mill-konvenut.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti tenut in konsiderazzjoni id-danni subiti mill-vetturi involuti fl-incident in disamina hi l-fehma ta’ din il-Qorti li li l-impatt tal-Escort mat-trukk gara f’zewg istanzi cioe’ mudguard ma’ mudguard ta’ quddiem tal-lemin u sussegwentement mal-mudguard wkoll tal-lemin tal-Escort li spiccat bi hsara fuq ix-xellug taghha meta dahlet fil-hajt tas-sejjieh. Dwar x’kienet il-kawza prossima tal-incident l-Qorti hi tal-fehma li kien dovut primarjament minhabba nuqqas da parti taz-zewg sewwieqa ta’ “proper look out” ossija li t-tnejn naqsu li jaraw dak li kien “in plain view” u jagixxu konsegwentement. Pero’ fil-fehma taghha il-konvenut ghandu jakolla responsabilita akbar minhabba l-velocita eccessiva tieghu li kienet spropozitata, molto piu meta injora is-“slow sign”. Madanakollu l-posizzjoni tal-attur, angolata kif kienet u f’nofs il-karregjata tal-konvenut ma jezonerahx mir-responsabilita kollha anka ghaliex ittraversa linja doppja kontinwa. Xejn ma jiggovah li illum din il-linja hi interotta. Inghad dan il-Qorti qeghdha tistabilixxi r-responsabilita ghall-incident kwantu ghal terz lill-atturi u zewg terzi lill-konvenut.

Illi ghal dak li huma danni mill-atti jirrizulta li l-atturi sofrew tliet mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm386) u l-konvenut sofra tmien mija tlettax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm813.22). Imkien ma jirrizulta li dawn id-danni kif reklamati gew b’xi mod ikkontestati.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tiddikjara r-responsabilita ghall-incident mertu l-kawza kwantu ghal terz lill-atturi u zewg terzi lill-konvenut li qieghed ghaldaqstant jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn sebgha u

hamsin lira Maltin (Lm257). L-ispejjez tal-kawza jithalsu skond ir-rispettiv rebh u telf jigifieri kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------